MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 122/1996/1

**Maria Borg bhala mandatarja tal-imsiefrin Michael, Rita mart Nazzareno Parta, Victoria mart Christopher Sutton, Antonia, Marthese, Soru u Paul, ilkoll ahwa Pace, ulied Ganni Pace**

**vs**

**Paul Giordimaina, bhala esekutur testamentarju u l-Avukat Dottor Tonio Borg bhala ko-esekutur testamnentarju tal-mejjet Monsinjur Pawlu Pace; u Paul u Pija mizzewgin Giordimaina u uliedhom Steve u Alan ahwa Giordimaina ghal kull interess li ghandhom bhala eredi tal-Monsinjur Pawlu Pace**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-12 ta’ Jannar, 1996, li in forza taghhom huwa eccepew illi:

Fil-5 ta’ April, 1992 miet il-Monsinjur Pawlu Pace u b’testment sigriet tat-22 ta’ April, 1988 li gie apert u pubblikat minn Nutar Dr. George Cassar fl-20 ta’ Lulju, 1992 (Dok. A), huwa halla fid-Disa’ Artikolu, b’titolu ta’ legat lill-atturi, indaqs bejniethom, il-flat 2, li tidhol ghalih minn numru 11, Triq il-Knisja, San Pawl il-Bahar;

L-imsemmi Monsinjur Pawlu innomina bhala eredi universali u padrun assolut tieghu lil atturi (recte konvenuti) Pawlu Giordimaina, Pija Giordimaina mart Pawlu u uliedhom Steve u Alan, ahwa Giordimaina, fil-waqt li bhala esekutur testamentarju l-istess Monsinjur Pace innomina lill-konvenut Paul Giordimaina u biex jghinu fl-esekuzzjoni ta’ din l-ahhar disposizzjoni tieghu, il-Monsinjur Pace innomina bhala ko-esekutur lill-konvenut Avukat Dr. Tonio Borg;

Ghalkemm ghaddew iktar minn 19 il-xahar l-atturi ghadhom ma gewx immessi fil-pussess tal-legat lilhom imholli;

Il-konvenut Paul Giordimaina qed jaghmel uzu mill-proprjeta’ lilhom imhollija b’legat kif qabel imsemmi billi abusivament qed jippermetti l-istess appartament jintuza minn terzi;

*Inoltre* l-konvenut Paul Giordimaina imblokka b’gebel xi kmamar tal-istess appartamenti, minghajr il-permess tal-atturi u ghal skopijiet li jafhom hu biss;

Ghalkemm mitluba biex jimmettu fil-pussess lill-atturi tal-legat lilhom imholli, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, jimmettu fil-pussess lill-atturi fil-legat lilhom imholli minn Monsinjur Pawlu Pace tal-flat 2, f’numru 11, Triq il-Knisja, San Pawl

il-Bahar, fit-testment sigriet tieghu tat-22 ta' April, 1988 li gie apert u pubblikat minn Nutar Dr. George Cassar fl-20 ta' Lulju, 1992 u jikkunsinnaw ic-cwievet u l-pussess vojt tal-istess appartament lill-attrici *nomine* fil-kundizzjoni li kien jinsab dak inhar tal-mewt tat-testatur Monsinjur Pace;

2. tinnomina Nutar biex jippubblika l-att opportun f'gurnata, hin u lok li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa u tinnomina kuraturi biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Protest tat-13 ta' Awissu, 1993 u bl-ingunzjoni lill-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Paul Giordimaina, bhala esekutur testamentarju u Paul u Pija mizzewgin Giordimaina u uliedhom Steve u Alan ahwa Giordimaina ghal kull interess li ghandhom bhala eredi tal-Monsinjur Pawlu Pace li in forza taghha eccepew illi:

1. L-eccippjenti, kuntrarjament ghal dak illi qed jigi allegat mill-atturi, kienu u ghadhom propensi illi jimmettu lill-atturi fil-pussess tal-flat numru 2 accessibbli minn numru 11, Triq il-Knisja, San Pawl il-Bahar. Kienu l-istess atturi illi naqsu milli jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-att opportun.

2. Mhux minnu illi l-eccipjent Paul Giordimaina qed jaghmel uzu mill-proprjeta' *in kwistjoni* kif mhux minnu wkoll illi imblokka b'gebel kamra (u mhux kmamar) tal-istess appartament. Dana ghamlu kif *del resto* kellu dritt illi jaghmel fil-vesti tieghu ta' proprjetarju il-Monsinjur Paul Pace qabel ma gie nieqes u qabel ma' kera il-fond sottostanti li hu adebit bhala *Restaurant*. L-appartament kien f'dina il-kondizzjoni meta gie nieqes il-Monsinjur Paul Pace.

3. *In vista* tas-suespost l-ecceppjenti Paul Giordimaina fil-vesti tieghu ta' esekutur testamentarju kif ukoll l-istess Paul u Pija mizzewgin Giordimaina u uliedhom Steve u Alan bhala eredi m'ghandhom ibghatu l-ebda spejjez.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Dottor. Tonio Borg li in forza taghha hu eccepixxa illi:

1. Huwa qatt ma gie konfermat bhala ko-esekutur testamentarju ta’ l-eredita’ ta’ Monsinjur Paolo Pace, *ai termini* ta’ l-Artikolu 765 tal-Kodici Civili, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Fi kwalunkwe kaz, min-nomina tieghu bhala Ministru tal-Gvern, huwa impedut milli jesercita kull xoghol iehor, inkluz dak ta’ ko-esekutur testamentarju.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat id-digrieti moghtija minn din il-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi fil-5 ta’ April, 1992, miet il-Monsinjur Paolo Pace b’testment sigriet li kien hejja fit-22 ta’ April, 1988, u li kien gie miftuh u pubblikat wara mewtu min Nutar Dottor George Cassar fl-20 ta’ Lulju, 1992. Skond id-disa’ artikolu ta’ dan it-testment, id-*de cujus* Monsinjur Pace halla lill-atturi, indaqs bejniethom, il-flat numru tnejn, li tidhol ghalih min-numru hdax, fi triq il-Knisja, San Pawl il-Bahar. F’dan it-testment, id-*de cujus* halla diversi legati ohra u hatar bhala werrieta tieghu lill-konvenuti Pawlu u Pija Giordimaina, u uliedhom Steve u Alan ahwa Giordimaina. Fl-istess testment, id-*de cujus* hatar lill-istess Pawlu Giordimaina bhala ezekutur testamentarju, u

biex jassistih fl-esekuzzjoni tal-ezekutorija, hatar bhala ko-ezekutur lil Avukat Dottor Tonio Borg.

L-atturi, f’din il-kawza, bhala legatarji tal-fond numru tnejn, fi blokk ta’ appartamenti bin-numru hdax, fi triq il-Knisja, San Pawl il-Bahar, qed jitolbu l-immissjoni fil-pussess tal-legat lilhom mholli. Il-konvenuti familja Giordimaina mhux qed jichdu dan, tant li anke offrew ic-cwievet tal-istess lill-atturi. Il-kwistjoni hija li fil-waqt li l-atturi qed jallegaw li, wara l-mewt ta’ Mons. Pace, il-familja Giordimaina issegregat mill-fond zewgt ikmamar li qabel kienu jifformaw parti mill-flat (u li kienu jservu bhala r-raba’ kamra tas-sodda u kamra tal-banju ohra), il-konvenuti familja Giordimaina jallegaw li dan ix-xoghol ta’ segregazzjoni kien sar mit-testatur stess waqt li kien ghadu haj, u dan biex il-kmamar iservu bhala magazinagg ghal-fond sottostante li l-istess testatur kien kera ghall-uzu ta’ *restaurant* ciniz. Ghalhekk, fil-waqt li l-konvenuti familja Giordimaina lesti jikkonsenja l-appartament lill-atturi fl-istat li hu illum, l-atturi jridu l-post bl-adizzjoni tal-imsemmija zewgt ikmamar li jinsabu fuq wara tal-appartament.

Skond il-konvenut Pawlu Giordimaina, dawn iz-zewgt ikmamar ma kienux inbnew mal-flat, imma saru wara, tant li hemm dislivell bejn dawn il-kmamar u l-qbija tal-flat. Wara xi zmien, il-Mons. Pace iddecieda li jniffed il-flat mal-kmamar u dan sabiex ikabbar il-flat u jkollu prospetti ahjar li jikri l-flat ghax-xhur tas-sajf. Fil-fatt, jirrizulta li fis-sajf tal-1991, li kien l-ahhar sajf qabel ma’ miet il-Mons. Pace, il-flat kien mikri lill-familja Rossi, li kellha u kienet taghmel uzu miz-zewgt ikmamar ta’ wara. F’dak l-istess sajf, il-Mons. Pace kien mar ghal-btala l-Canada u hemm iltaqa’ ma’ neputih, ir-Reverendu Michael Pace, u iddiskrivielu dan il-flat bhala li kellu erba’ kmamar tas-sodda u zewg kmamar tal-banju.

Il-konvenut Pawlu Giordimaina spjega li fuq wara tal-fond sottostanti hemm bitha li fih tarag li jibqa’ tiela’ sal-appartament numru tlieta. Dan it-tarag jghaddi minn ma’ genb iz-zewg ikmamar fuq wara tal-flat numru tnejn. Lejn l-ahhar tas-sena 1991, il-Mons. Pace sab jikri l-fond

sottostante biex jintuza bhala *restaurant* ciniz, u peress li dawn riedu post ghal-magazinagg, accetta li jikrilhom ukoll iz-zewgt ikmamar fuq wara tal-apartament numru tnejn. Skond il-konvenut Pawlu Giordimaina, li l-familja tieghu kienu jghixu ma u jiehdu hsieb il-Mons. Pace, il-Mons. Pace kien qallu bic-car li kien se jikri dawk il-kmamar mar-*restaurant* sabiex jintuzaw bhala *storage*. Il-Mons. Pace, ghalhekk, inkariga lil certu Anthony Vassallo sabiex jaghlaq bil-gebel l-apertura li kien hemm fil-hajt, b'mod li ghalaq l-access ghal dawn iz-zewgt ikmamar. Dan Anthony Vassallo ikkonforma li ghamel dan ix-xoghol lejn l-ahhar tas-sena 1991 u fuq inkarigu precis tal-Mons. Pawlu Pace; dan ikkonferma li l-Monsinjur kien qallu li kien se jikri l-fond ta' taht bhala *restaurant* u ftiehim li kien se jaghti wkoll dawk iz-zewgt ikmamar biex jintuzaw bhala storage ghall-istess *restaurant*.

L-artikolu 731 tal-Kodici Civili jiddisponi li l-haga mhollija legat titqies li giet mhollija, u ghandha tigi kkunsuinata, bl-accessarji mehtiega taghha, <u>u fil-kundizzjoni li tkun tinsab dak in-nhar tal-mewt tat-testatur.</u> *Kwindi*, dak li jrid jigi stabbilit huwa l-kondizzjoni tal-fond *in kwistjoni* fid-data tal-mewt ta' Mons. Pace.

L-attrici Maria Borg xehdet li hi l-post tafu jinkera b'erba' kmamar tas-sodda u zewgt kmamar tal-banju. Fil-fatt, il-flat hekk kien jinkera sa qabel ma' miet il-Mons. Pace, *pero'*, hi stess xehdet li l-ahhar darba li dahlet fil-post *in kwistjoni* kien fis-sajf sentejn qabel ma' miet il-Monsinjur. Din, ghalhekk, mhux f'pozizzjoni li teskludi li fil-flat saru xogholijiet lejn l-ahhar ta' hajjet il-Mons. Pace.

Josephine Zammit, xhud prodott mill-attrici, u li ghandha fil-pussess taghha l-flat numru 1 fil-blokk tal-apartamenti *in kwistjoni*, tghid li hi wkoll tiftakar il-flat numru tnejn b'erbat ikmamar tas-sodda u zewgt kmamar tal-banju, u dana peress li gieli kienet giet mqabbda mill-Mons. Pace biex tiehu hsieb il-flat. Hi tghid li l-ahhar darba li dahlet fil-flat *in kwistjoni*, kien xi tlett gimghat qabel ma' miet il-Monsinjur, u dahlet kemm tiehu saqqu tal-wiehed li kienet silfet lill-istess Monsinjur ghal-uzu fil-flat; qalet li meta dahlet, il-flat kien vojt u battal. L-implikazzjoni li tohrog

mix-xhieda ta’ din ix-xhud, hu li dakinhar il-kmamar kienu ghadhom kif kienu.

Din il-Qorti thoss li x-xhieda kollha ta’ din Josephine Zammit tidher li hi ftit *“emozzjonali”*, u mhux cara bizzejjed biex il-Qorti toqghod fuqha. Fil-fatt, dan l-incident tas-saqqu, li seta’ kien importanti ghat-tezi tal-atturi, ma semmithux meta ghamlet l-affidavit ghal-atturi, izda semmitu *in kontro-ezami* meta kienet qed tigi ppressata biex tghid meta kien l-ahhar darba li dahlet fil-post. Hi, fuq kollox, ma kienetx tnaddaf il-post, imma aktar tiehu hsiebu, fis-sens, l-impressjoni li hadet il-Qorti, li kellha wkoll cavetta tal-apartament *in kwistjoni* ghal dak li kien jinqala’.

Fuq kollox, ix-xhieda ta’ din ix-xhud hija kontrodetta b’dak li xehed certu Albert Edward Vella li hu *accountant* bi professjoni u li kien direttur u kellu anke isthma fil-kumpanija ciniza li kienet kriet ir-*restaurant* sottostanti. Dan kien jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-kumpanija ciniza, u xehed li kien imur ta’ spiss fir-*restaurant* wara li beda jigi operat mic-Cinizi. Dan ikkonferma li fuq wara tar-*restaurant* kien hemm bitha b’tarag li jibqa’ tiela sa fuq nett. F’nofs dan it-tarag, fil-livell tat-tieni flat, kien hemm kamra li kienet tintuza mic-Cinizi, u hu, fil-fatt, gieli tela’ f’din il-kamra u ra li kienet tintuza minnhom.

Ix-xhieda ta’ dan l-ahhar xhud hija aktar affidabbli u tikkorobora dak li qalu l-familja Giordimaina dwar l-uzu ta’ dawk il-kmamar. Il-Qorti tifhem li meta l-Mons. Pace ghamel it-testment u fl-ahhar tas-sajf tal-1991, hu ma kellux hsieb li jbiddel l-istat tal-apartament *in kwistjoni*, *pero’*, meta gietu l-okkazzjoni li jikri l-fond sottostanti lill-xi Cinizi li riedu wkoll ambjenti ghal-kumdita’ taghhom u/jew bhala magazinagg, hu iddecieda li ma jitlifx dik il-kirja u akkomodhom.

Il-Mons. Pace, ovvjament, ma kienx jaf li kien se jmut ftit wara, u allura l-hsieb tieghu, wisq probabbli, kien li jara kif ir-*restaurant* u l-kirja tmur fuq medda taz-zmien, u wara jew ibiddel it-testment jew, jekk jara li l-progett tar-*restaurant* ciniz ma jkunx qed jirnexxi u l-post, b’xi mod,

jerga jigi f'idejh (kif, fil-fatt, gara wara mewtu), jerga' jaqghad il-kmamar mal-flat *in kwistjoni*. Din il-Qorti ma tahsibx, *pero'*, li l-Mons Pace kien se jitlef kirja minhabba zewgt ikmamar. Sfortunatament, il-Mons. Pace miet qabel ma lahaq issettilja l-affarijiet tieghu. Din il-Qorti ma tarax li m'ghandhiex taghti affidabilita' lix-xhieda tas-Sur Vella, u dak li xehed jikkonferma li l-ahhar haga li ghamel it-testatur qabel ma miet rigwardanti l-apartament *in kwistjoni* kien li jissegrega dawn iz-zewgt ikmamar, billi jifridhom minn mal-apartament u jaqadhom mal-fond sottostanti li hu kera lic-Cinizi bhala *restaurant*. Dan gie konfermat ukoll mix-xhud Anthony Vassallo li insista li x-xoghol kien inkarigah biex jaghmlu l-Mons. Pace, u meta lesta, kien hu li hallsu. Din kienet is-sitwazzjoni meta miet it-testatur u, *kwindi*, dik is-sitwazzjoni ghandha titqies li tirrifletti l-ahhar volonta' tieghu.

L-atturi jilmentaw ukoll li l-flat *in kwistjoni* kien mghammar bl-ghamara kollha mehtiega biex tghix fih familja mdaqsa, waqt li issa l-konvenuti familja Giordimaina battluh minn kollox. Apparti l-fatt li m'hemmx provi li kienet il-familja Giordimaina li zvojtat il-post mill-ghamara, il-legat imholli lill-attur kien tal-flat biss, u mhux tal-flat *ad limine intus* jew b'dak kollu li hemm fih. Kif intqal min din il-Qorti fil-kawza <u>"Grima vs Borg"</u>, deciza fis-16 ta' Mejju, 1961, *"meta dispozizzjoni testamentarja li ghandha tigi interpretata hija maghmula f'termini cari u li ma joffrux ruhhom ghal xi ambigwita', ma hux lecitu ghal hadd li joltera dawk it-termini bl-intromissjoni tax-xoghol tal-gudizzju tieghu".* F'dan il-kaz il-legat hu car meta jitkellem fuq il-flat biss, u, *kwindi*, mhux lecitu li din il-Qorti tipprova tmur *oltre* dak li jirrizulta hija l-volonta' espressa tat-testatur.

Dwar l-ispejjez tal-kawza, il-konvenut Paul Giordimaina jghid li hu kien offra c-cwievet tal-flat lill-atturi, u dawn ma riedux jehduhom. Hu, pero', ma iddepozitax ic-cwievet taht l-awtorita' tal-Qorti, u allura, ghalkemm fil-mertu se jinghata ragun, m'ghandux ikun ezenti milli jhallas xi spejjez.

It-talbiet tal-atturi, kif formulati, jistghu jigu milqugha, *pero'*, *ben intendere* li l-appartament *in kwistjoni* li tieghu l-atturi

jridu jinghataw il-pussess ghandu jibqa' fl-istat li hu, u *cioe'*, eskluz iz-zewgt ikmamar ta' wara (li qabel kienu iservu bhala r-raba' kamra tas-sodda u t-tieni kamra tal-banju), peress li dawn iz-zewgt ikmamar ma kienux jiffurmaw parti mill-fond *in kwistjoni* fid-data tal-mewt tat-testatur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-atturi, bil-limitazzjoni aktar qabel spjegata, u tahtar lin-Nutar Dottor Roland Wadge sabiex jippubblika l-att opportun, u lil-Avukat Dottor Daniela Chetcuti bhala kuratur biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci, u tordna li l-kuntratt jigi ppubblikat fl-edificcju tal-Qrati Maltin nhar it-Tnejn, 11 ta' April, 2005, fil-11.00am, jew f'data u hin iehor li tista' tiffissa din il-Qorti wara li jkun saritilha talba ghal-dan il-ghan min xi parti interessata.  L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, bid-dritt tar-registru ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------